MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2003

Numru 755/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Samir Abdul El Nasser Youssef Ahmed**

**Illum, 3 ta’ Dicembru , 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Samir Abdul El Nasser Youssef Ahmed ta’ 37 sena, iben Abdul Nasser u Fatima Abdul nee’ Hasib imwieled Benisway Egittu fl-1 ta’ Ottubru 1965, residenti fi 11, Magnolia, Trieq il-Kubrit, Gzira. Detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 60592M gie akkuzat;

Talli fl-24 ta' April 2003, u f'dati precedenti, f'Marsaxlokk u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunses tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura; jew xjentament ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tal-merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' 35 oggett bil-marka Oakley foloz. Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 (1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irripproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta. Dan bi ksur tal-artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bi qliegh jew skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, jew qassam jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam minn post jew minn gewwa post li huwa kopert b'licenza, jew bhala parti minn attivita' koperta b'tali licenza, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mill-jeddijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta. Dan bi ksur tal-Avviz Legali 120 tal-1992.

Iffabrika, biegh jew kera jew offra ghal bejgh jew ghal kiri, jew taha lil xi persuna ohra jew zammt jew garr -

a) skieken li jkollhom xafra li tinfetah awtomatikament bi pressjoni ta' l-id applikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, kultant maghraufa bhala 'flick knife' jew

b) skieken li jkollhom xafra li tohrog mill-manku jew mill-ghant taghha bil-forza ta' gravita' jew bl-applikazzjoni ta'

forza centrifugali u li, meta tigi mahruga, tinghalaq fil-post permezz ta’ buttuna, molla, lieva jew mekkanizmu iehor, kultant maghrufa bhala ‘gravity knife’, jew

c) xi ponn tal-hadid jew materjal iebes iehor. Dan bi ksur tal-artikolu 25(1) (a) (b) (c) u (2) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok EMC4 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jiddeciedi jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li l-imputat ghen lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet u li hi konsapevoli li l-imputat jidher li qabad it-triq it-tajba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 298(1)(a), (b), (c) u (f) u 298B tal-Kap. 9, Regolament 2(e)(i) tal-A.L.120 ta’ l-1992 u l-artikolu 25 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Samir Abdul El Nasser Youssef Ahmed, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ghen lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet u li hi konsapevoli li l-imputat jidher li qabad it-triq it-tajba u wara

li rat l-artikloli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Samir Abdul El Nasser Youssef Ahmed ghall-piena komplessiva ta’ sentejn prigunerija u mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tlett (3) snin millum l-imputat Samir El Nasser Youssef Ahmed jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Art. 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok EMC8. Ghal fini ta’ tali distruzzjoni l-Qorti tinnomina lir-Registratur tal-Qrati.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-Art. 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna il-konfiska tal-oggetti esebiti bhala Dok EMC9.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Samir Abdul El Nasser Youssef Ahmed l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------